MALTA

# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA' INGUSTIZZJI

## MAGISTRAT DR. MICHAEL MALLIA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2005

Rikors Numru. 1057/1997/1

Rikors Numru:  1057/97

Anthony Muscat

vs

Chairman Medserv Limited

It-Tribunal

**RIKORS:**
Ra r-rikors pprezentat fit-28 ta' Novembru 1997 fejn ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' bejn l-1991 u l-1995 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax promozzjoni u li anke twaqqaf milli jahdem overtime kif ukoll gie trasferit diversi drabi.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor, illi ir-rikorrent kien dahal jahdem mal-Medserv fl-1977 u dan bhala clerk.  Illi bejn l-1991 u l-1995 kienu nghataw diversi promozzjonijiet lil diversi haddiema tal-kumpanija b'mod dirett minghajr ma kienu hargu sejhiet ghalihom.  Illi r-rikorrent kellu l-kwalifiki kollha biex jibbenefika minn dawn il-promozzjonijiet u li huwa qatt ma nghata xi wahda minn dawn il-promozzjonijiet.

Illi individwi impjegati tal-Medserv kienu nghataw promozzjoni ghall-habta ta' l-1 t'Ottubru 1994 minn clerk ghal Clerical Officer u anke minn clerk ghal Executive Officer.   Illi r-rikorrent f'dawn l-okkazzjonijiet kien jikkwalifika ghal dawn il-promozzjonijiet u anke kellu aktar esperjenza minn dawn l-individwi.  Illi wkoll individwu iehor kien iddahhal minn barra u nghata grad ghola minn tar-rikorrent u dan anke minkejja li din il-persuna kellha anqas kwalifiki minn tar-rikorrent.

Illi r-rikorrent kien ukoll imcahhad milli jahdem overtime meta persuni ohra kienu imhollija jahdmu l-overtime b'mod normali.  Illi wkoll fiz-zmien imsemmi r-rikorrent kien inghata diversi transfers minn mad-Dipartiment tal-Medserv ghal iehor.  Illi f'okkazzjoni minnhom huwa kien tpogga jahdem gewwa kamra mahmuga u jaghmel xoghol illi kien ferm inferjuri ghall-grad tieghu.  Dan l-ahhar trasferiment imsemmi kien sar wara li r-rikorrent kien talab il ghaliex huwa ma kienx qed jinghata overtime bhal haddiema ohra.
Illi r-rikorrent huwa konvint illi huwa sofra dan it-trattament u din id-diskriminazzjoni minhabba t-twemmin politiku tieghu.  Illi minhabba dawn l-ingustizzji ir-rikorrent sofra tbatija finanzjarja u anke psikologika.

Illi r-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal biex isostni dwar l-ilment tieghu lix-xhieda kollha ndikati f'dan ir-rikors;
Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar l-ilment tieghu skond l-att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li r-rikorrent issir gustizzja mieghu kif jiddeciedi dan it-Tribunal jew inkella jekk dan ir-rimedju

ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

ECCEZZJONIJIET:
Ra r-risposta tac-Chairman intimat fejn wiegeb illi:

(1) Illi r-rikorrent gie impjegat mas-Socjeta' Medserv fil-5 ta' Ottubru 1977. Fl-1 ta' Jannar 1984 inghata l-posizzjoni ta' Higher Clerical Officer u bid-dhul fis-sehh tal-Collective Agreement huwa lahaq Senior Clerk fl-1 ta' Ottubru 1990. Fid-9 ta' Mejju 1997 ir-rikorrent irrizenja mill-impjieg tieghu.

(2) Jigi rilevat illi r-rikorrent ga ssolleva lmenti konsismili bhal dawk meritu tal-azzjoni odjerna quddiem l-Ombudsman (Kaz numru 305) u dan l-Ufficju ga nformah b'ittra datata 14 ta' Awwissu 1996, illi ma setax iressaq rakkomandazzjoni dwar l-ilment tieghu.

(3) Jigi rilevat ukoll illi bejn il-21 ta' Jannar 1993 u t-30 ta' Lulju 1993 ir-rikorrent kien attenda kors dwar it-thaddim tal-computers liema kors kien jikkonsisti f'hames taqsimiet u sar mill-Computer Solutions Ltd. Ir-rikorrent ma kkwalifikax mit-taqsimiet kollha.

(4) Dan qed jigi sottomess biex jigi pruvat illi r-rikorrent ma kienx jikkwalifika ghal certi hatriet fil-kumpanija u dan kuntrarjament ghal dak sostenut minnu fil-korp tar-rikors.

(5) Illi l-intimat nomine bihsiebu jressaq in sostenn tal-posizzjoni tieghu lill-Godwin Catania, l-ombudsman Joe Sammut, l-Investigatur Principali fl-Ufficcju tal-Ombudsman, rappresentant tas-Socjeta Computer Solutions Ltd, Edwin Vella ex-Chairman tas-Socjeta' Medserv.

Ra l-elenku tax-xhieda ta' l-intimat.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Ra’ l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidra

Illi f’dan ir-rikors ir-rikorrent qieghed jilmenta illi gie maqbuz indebitament ghal promozzjonijiet ghal Executive Officer u Administrative Officer u ukoll illi gie mcahhad ingustament milli jaghmel overtime.

Irrizulta mill-provi illi r-rikorrent dahal impjegat mas-socjeta` Medserv fil-5 ta’ Ottubru 1977 bil-grad ta’ Clerk. Fl-1 ta’ Jannar 1984 gie mahtur ‘Higher Clerk Officer’, bejn it-18 ta’ Dicembru 1986 u l-1 ta’ Settembru 1988 kien sekondat mal-Kumpanija ‘Saipem’ fejn baqa’ jaghmel xoghol ta’ skrivan.  Fl-1 ta’ Ottubru 1990 gie appuntat ‘Senior Clerk’ u fid-9 ta’ Mejju 1997 baghat ir-rizenja tieghu mill-impjieg mal-Kumpanija.  Minbarra n-nuqqas ta’ promozzjonijiet, ir-rikorrent ilmenta illi huwa kien trasferit mid-Dipartiment ghal iehor mill-istess Kumpanija minghajr gustifikazzjoni u gie moghti ufficcju fil-yard li kien mahmug u bil-grieden.  Dan bhala kastig talli huwa ma kienx imur tajjeb mac-Chief Executive Officer Frans Said.

Ir-rikorrent qal illi f’Ottubru 1992 gie mizmum milli jaghmel overtime u trasferit fil-yard fejn ma sarx overtime.  Il-promozzjonijiet fi hdan il-Kumpanija kienu jsiru b’mod dirett kontra l-Artiklu 43 tal-ftehim kollettiv.  Jghid ukoll illi fl-istess zmien illi kien impjegat mal-Kumpanija martu kienet tahdem fl-ufficcju tal-Managing Director izda giet f’konflitt mieghu u kellha titlaq.  Ittiehdu proceduri dixxiplinarji kontra r-rikorrent fuq kaz ta’ qerq izda gie illiberat minnhom.  Ilmenta mal-Ombudsman (Kaz numru 305) li pero ma hax konjizzjoni tat-talba tar-rikorrent ghad li rrakkomanda lil Kumpanija illi tidhol f’tahdidiet mieghu sabiex issib soluzzjoni ghal problemi li kien hemm.  Ir-rikorrent semma wkoll illi huwa ntbaghat jaghmel kors fuq il-kompjuters u gie moghti informazzjoni mill-Kumpanija li hu wehel mill-ahhar ezami.  Ir-rikorrent jikkontesta dan u jghid li minn informazzjoni li kellu, huwa kien kkwalifika. Fi kwalunkwe kaz, semma liz-zewg persuni Joseph Bartolo u Ruth Bond li ukoll ma kkwalifikawx izda xorta inghataw promozzjonijiet.

Ikkunsidra

L-iktar akkuza serja li r-rikorrent ghamel fil-konfront tas-scojeta konvenuta kienet illi huwa deliberatament gie mcahhad milli jaghmel overtime. Jidher li din l-allegazzjoni hija gustifikata, fejn minbarra x-xhieda bil-gurament tar-rikorrent hemm dik ta' Michael Bezzina (fol 64) illi kien Executive Officer fl-1992. Bezzina jaf li r-rikorrent kien jassistih u kien efficjenti f'xoghlu, kellu 'assesments reports' pozittivi. Rigward l-kwistjoni ta' l-overtime Bezzina kien aktar karegoriku meta jghid "nghid illi kienet giet direttiva fir-rigward tas-Sur Muscat biex kemm jista jkun ma jaghmilx overtime." Din id-direttiva jghid illi giet minn Frans Said Executive Officer tal-Medserv. "…. Id-direttiva ta' l-overtime kienet direttament minn Frans Said." Ir-rapprezentant tas-socjeta intimata s-Sur Catania jghid illi mill-file tas-Sur Bezzina ma rrizultatx din id-direttiva.

It-Tribunal jirrealizza illi direttiva bhal din zgur li mhux ser issir bil-miktub. Ghalhekk ma tiskanta b'xejn illi ma nstabitx fil-files. Pero mehud in konsiderazzjoni l-insistenza tar-rikorrent kif murija mix-xhieda tieghu u l-memo a fol 90 it-Tribunal jemmen illi fil-fatt ir-rikorrent gie diskriminat u fuq ordni diretta tac-Chief Executive Officer ma nghatax overtime. Rigward il-promozzjonijiet jidher illi wkoll saru xi rregolaritajiet peress illi ma kienux konformi mal-ftehim kollettiv. Pero, sa fejn dawn l-irregolaritajiet laqtu lir-rikorrent it-Tribunal ma jistax jghid ghax ma rrizultax mill-provi bhal ma lanqas ma rrizulta li r-rikorrent intbaghat jahdem f'xi ufficju mahmug u bil-grieden. It-Tribunal jirrikonoxxi li l-ufficcini tal-Medserv huma ambjentati f'post antik ferm fejn mhix xi haga kbira li jkun hemm grieden. Fil-fatt fl-ufficcju tar-rikorrent sahansitra kellu anki apparat tal-arja kondizzjonata, pero it-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ilment tan-nuqqas ta' overtime fi zmien lamentat huwa gustifikat u ta' dan ir-rikorrent haqqu kumpens.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jiffissa l-ammont ta' kumpens 'arbitrio

bono viri' b'ammont ta' Lm1500 illi ghandu jithallas mic-Chairman intimat lir-rikorrent. Bl-ispejjez kontra c-Chairman intimat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------